MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1319/2002/1

**Mario u Stephania konjugi Camilleri**
**Vs**
**Fiona Camilleri u b'digriet tas-**
**26 ta' Settembru, 2002 gie kjamat in**
**kawza Terry sive Christopher Micallef**

**It-Tribunal,**

Wara li ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u tmintax-il lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm918.47c) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal rappresentanti danni kkawzati fil-vettura proprejta' tal-attur meta fis- 7 ta' Frar, 2002 fi Triq Dun Karm, Birkirkara, il-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FNA 678 tal-marka Fiat, habtet fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAE 485 tal-marka Subaru proprjeta' tal-attur u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenuta ecceppiet illi ghall-incident stradali de quo ma kienetx tahti l-konvenuta izda kienu jahtu jew l-attrici 'Stephania Camilleri" (Subaru numru FAE 485) jew Terry Micallef (Nissan Numru BAF 451).
L-eccipjeni ghandha tigi liberata bl-ispejjes.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi din il-kawza si tratta ta' kollizzjoni trippla. Minhabba x-xita vettura BAF-451 tilef il-kontrol bil-konsegwenza li x-xufier tal-vettura FAE-485 tallega li waqfet u giet imbuttata ghal ta' quddiema, waqt li x-xufiera tal-vettura FNA-678 tallega lil-vettura FAE-485 dahlet f' ta' quddiemha, daret u dahlet f' ta' warajha. Hekk qal lill-pulizija nvestigattiv a tempo vergine – hekk irripetew seduta stante.

Illi jigi rilevat li ghalkemm l-attrici esibiet survey u ritratti tal-hsara fil-vettura taghha ma jistax jinghad l-istess ghall-partijiet l-ohra. Vero ma saret l-ebda kontro talba da parti taghhom u qeghdin biss jiddefendu pero' kien ikun ferm utili bhal ghajnuna mit-Tribunal biex jasal ghal konkluzzjonijiet tieghu.

Mhux kontestat li l-origin tas-sinistru kienet il-gabirjolata tal-vettura misjuqa mill-kjamat fil-kawza Terry Micallef. Il-vettura tal-attrici kienet warajha. Kif rat dik il-manuvra – tilef il-kontroll, titla is-'centre strip' u terga tinzel l-attrici waqfet angolata lejn ix-xellug peress li hadet azzjoni evasive. Sekondi wara, giet il-konvenuta –rata mill-mera tidhol go fiha fuq il-lemin 'at an angle', u titfaghha fuq il-kjamat fil-kawza billi dawritha lejn il-lemin – ghalhekk laqtet il-van ta' quddiemha fuq xellug tal-vettura taghha.

Il-konvenuta tallega li l-ewwel rat lill-attrici tahbat mal-Van ta' quddiemha, iddur u bir-rebound giet ghal fuqha.

Illi gie ripetutament deciz li kull utent tat-triq irid joqghod ferm attent ghar-regolamenti tat-traffiku u jsuq b'mod attent b'diligenza massima. L-inqas telf ta' koncentrazzjoni tista twassal ghal incident oltre dan, hemm l-osservazzjoni ta' 'proper look-out' u sewqan prudenti, b'certa distanza minn vettura ta' quddiemha sabiex tkun tista tilqa' ghal xi eventwalita.

Jinghad illi l-kjamat fil-kawza ma ghandhu l-ebda tort ghas-sinistru. Kien fuq quddiem, xita rqiqa (ferm perikoluza) u skiddja. L-attrici hadet azzjoni evasiva – meta kellha distanza komoda u waqfet xi metru l'boghod – angolata lejn il-lemin. L-ebda parti ma addebitatlu xi tort jew kontribuzzjoni.

Kif jidher mill-istess skizz, il-vettura tal-konvenuta kienet ferm vicin il-vettura tal-attrici. Fid-distanza li stqarret li zammet, il-vettura tal-attrici qatt ma setghet taghmel manuvra li ddur fuqha nnifisha – ossia tidhol fuq ta' quddiemha u tigi lura fuq il-konvenuta. Il-versjoni moghtija mill-attrici hija aktar verosimili ghaliex id-daqqa tal-attrici fuq il-lemin hija ferm konformi ma' karozza angolata. Di piu, bit-tkaxkira baqghet sejra fuq ta' quddiemha bid-dawra tant li laqtet ix-xellug mal-van ta' quddiemha. Il-versjoni kif moghtija taghmel aktar sens bhala sekwenza ta' fatti. Anke d-danni kif riportati fir-ritratti esibiti a Fol. 24-27 huwa konformi ma zewg daqqiet f'azzjoni wahda. Di fatti, l-vettura giet mdawwra minn war ossia imbuttata. Kif qalet l-attrici, jekk il-konvenuta kellha quddiem mgholli hekk, allura huwa aktar similari li l-vettura tal-konvenuta dahlet fuq ta quddiemha, u mhux bil-kontra.

Relattivament ghad-danni, sia l-entita u sai l-ammont ma gewx kontestati mill-konvenuta u mill-kjamat fil-kawza kif rizultanti mir-ricevuti esibiti a Fol. 29-36.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa' t-talbiet attrici jiddikjara lil konvenuta unikament responsabbli ghall incident li sehh nhar is-7 ta' Frar 2002 f'B'kara tillibera lil kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gjudizzju, jichad l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta u jikkundanna thallas lill-attrici s-somma

ta' disa' mija u tmintax il-Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm918.47) danni riportata.

B’l-ispejjes skond il-ligi kontra il-konvenuta u bl-interessi mid-data tas-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------